

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ottubru 2012 —
Evropaiki Dynamiki vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-247/09) ⁽¹⁾

(“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Provvista ta' servizzi relattivi għall-produzzjoni u t-tixrid tas-Suppliment għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u ta' sostenn online kif ukoll offline relatat — Ċaħda tal-offerta ta' offerent u deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lil offerent ieħor — Obbligu ta' motivazzjoni — Ugwaljanza fit-trattament — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”)

(2012/C 366/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis u M. Dermizakis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Bambara u E. Manhaeve, aġenti, assistiti inizjalment minn N. Dimopoulos, solicitor, sussegwentement minn E. Petrissi, avukat, u finalment minn O. Graber-Soudry, solicitor.)

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej tas-7 ta' April 2009, li tiċħad l-offerta magħmula mir-rikorrenti fil-kuntest tas-sejħa għal offerti dwar il-provvista ta' servizzi għall-produzzjoni u t-tixrid tas-Suppliment għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u ta' sostenn online u offline relatat, kif ukoll tad-deċiżjonijiet kollha sussegwenti għad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, inkluża dik li l-kuntratt jingħata lil offerent ieħor, u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE hija kkundannata tbatli l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 205, 29.08.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ottubru 2012 —
Sviluppo Globale vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-183/10) ⁽¹⁾

(“Kuntratti pubbliċi ta' servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Provvista ta' assistenza teknika lill-Gvern tas-Sirja — Ċaħda tal-kandidatura — Obbligu ta' motivazzjoni”)

(2012/C 366/59)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Sviluppo Globale GEIE (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: F. Sciaudone, R. Sciaudone u A. Neri, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Erlbacher, aġent, assistit minn P. Manzini, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-14 ta' Frar 2010, li teskludi l-kandidatura ppreżentata mir-rikorrenti fil-kuntest ta' sejħa għal offerti ristretta EUROPEAID/129038/C/SER/SY, dwar il-provvista ta' servizzi ta' assistenza teknika favur il-Gvern Sirjan intiżi sabiex jippromwovu l-proċessi ta' deċentralizzazzjoni u ta' żvilupp lokali.

Dispożittiv

- (1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Frar 2010 li teskludi l-kandidatura ppreżentata mir-rikorrenti fil-kuntest ta' sejħa għal offerti ristretta EUROPEAID/129038/C/SER/SY, dwar il-provvista ta' assistenza teknika favur il-Gvern Sirjan intiżi sabiex jippromwovu l-proċessi ta' deċentralizzazzjoni u ta' żvilupp lokali, hija annullata.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbatli l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Sviluppo Globale GEIE.

⁽¹⁾ ĠU C 179, 3.7.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Ottubru 2012 —
Lancôme vs UASI — Focus Magazin Verlag (COLOR FOCUS)**

(Kawża T-204/10) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali COLOR FOCUS — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti FOCUS — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tat-trade marks — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Abbuż ta' dritt”)

(2012/C 366/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Lancôme parfums et beauté & Cie (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u S. Abel, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment S. Schäffner, sussegwentement A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Focus Magazin Verlag GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Schweizer u J. Berlinger, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-11 ta' Frar 2011 (Każ R 238/2009-2), dwar proċedimenti ta' nullità bejn Focus Magazin Verlag GmbH u Lancôme parfums et beauté & Cie.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Lancôme parfums et beauté & Cie hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 179, 03.07.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Ottubru 2012 — Novatex vs Il-Kunsill

(Kawża T-556/10) (¹)

“Sussidji — Importazzjonijiet ta' ċerti tipi ta' polyethylene terephthalate li joriġinaw mill-Iran, mill-Pakistan umill-Emirati Għarab Magħquda — Dazju kumpensatorju definittiv u għbir definittiv tad-dazju provviżorju — Artikolu 3(1) u (2), Artikolu 6(b), u Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 597/2009”

(2012/C 366/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Novatex Ltd (Karachi, il-Pakistan) (rappreżentant: B. Servais, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen, aġent, assistit minn G. Berrisch, avukat, u N. Chesaites, barrister)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. van Vliet, M. França u G. Luengo, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 857/2010, tas-27 ta' Settembru 2010, li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġina mill-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda (ĠU L 254, p. 10), sa fejn dan jikkonċerna lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- (1) L-Artikolu 1 tar-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 857/2010, tas-27 ta' Settembru 2010, li jimponi dazju kumpensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polyethylene terephthalate li joriġina mill-Iran, il-Pakistan u l-Emirati Għarab Magħquda huwa annullat sa fejn dan jikkonċerna lil Novatex Ltd, sa fejn id-dazju kumpensatorju definittiv għall-importazzjonijiet ta' ċerti tipi ta' polyethylene terephthalate fl-Unjoni Ewropea jeċċedi lil dak applikabbli fin-nuqqas tal-iżball relatat mal-ammont indikat fil-linja 74 tad-dikjarazzjoni tad-dħul għas-sena ta' tassazzjoni 2008.
- (2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- (3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u 50 % ta' dawk sostnuti minn Novatex. Novatex għandha tbat 50 % tal-ispejjeż tagħha. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 30, 29.01.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ottubru 2012 — Bimbo vs UASI — Panrico (BIMBO DOUGHNUTS)

(Kawża T-569/10) (¹)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali BIMBO DOUGHNUTS — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti DOUGHNUTS — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 — Talba għal tibdil — Ammissibbiltà”

(2012/C 366/62)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Bimbo, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Panrico, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: D. Pellisé Urquiza, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-7 ta' Ottubru 2010 (Każ R 838/2009-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Panrico, SA u Bimbo, SA.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Bimbo, SA għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-UASI.
- (3) Panrico, SA għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 46, 12.02.2011

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ottubru 2012 — Wessang vs UASI — Greinwald (star foods)

(Kawża T-333/11) (¹)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva star foods — Trade marks Komunitarja verbali u figurattivi preċedenti STAR SNACKS — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

(2012/C 366/63)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Nicolas Wessang (Zimmerbach, Franza) (rappreżentant: A. Grolée, avukat)